VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,016, 11 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 16 tal-2013

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI
(KAP. 232)

Regolamenti tal-2013 dwar l-Investigazzjoni ta' Aċċidenti u Inċidenti tal-Ajru fl-Avjazzjoni Ċivili

ARRANĠAMENT TAR-REGOLAMENTI

TAQSIMA I

PRELIMINARI

1. Titolu
2. Tifsir
3. Applikabbiltà

TAQSIMA II

INVESTIGAZZJONIJIET

4. Skop tal-investigazzjoni
5. L-istabbiliment ta' *Bureau* għall-Investigazzjoni ta' Aċċidenti tal-Ajru
6. Ħatra ta' Spetturi
7. Ħatra ta' rappreżentanti akkreditati minn Stati oħra
8. Osservaturi
9. Ħatra ta' rappreżentant akkreditat, konsulent u espert mill-Ispettur Ewlieni
10. Obbligu ta' investigazzjoni
11. Notifika ta' aċċidenti u inċidenti
12. Azzjoni li għandha tittieħed mal-wasla tan-notifika
13. Partijiet għall-investigazzjoni
14. Is-setgħat tal-ispetturi

15. Forma u proċedura tal-investigazzjonijiet

16. Koordinazzjoni ta' investigazzjoni u tneħħija ta' inġenji tal-ajru jew il-fdalijiet tiegħu

17. Rapporti tal-investigazzjoni

18. Avviż dwar ir-rapport u osservazzjonijiet dwaru

19. Preżentazzjoni tar-rapport finali

20. Pubblikazzjoni tar-rapport

21. Rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà

TAQSIMA III

MIXXELLANJI

22. Dokumentazzjoni li m'għandhiex tinkixef

23. Protezzjoni ta' xhieda

24. Tfixkil tal-investigazzjoni

25. Ftuħ mill-ġdid ta' investigazzjonijiet

26. Xi jsir mill-inġenji tal-ajru jew mill-fdalijiet tiegħu

27. Xi jsir mid-dokumentazzjoni

28. Assistenza lill-vittmi u lill-qraba

29. Bażi tad-*data* u rapporti ta' okkorrenzi

30. Pieni

31. Revoka u riserva

A.L. 16 tal-2013

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI
(KAP. 232)

Regolamenti tal-2013 dwar l-Investigazzjoni ta' Aċċidenti u Inċidenti fl-Avjazzjoni Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 dwar l-Investigazzjonijet ta' Aċċidenti u Inċidenti tal-Ajru fl-Avjazzjoni Ċivili.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"aċċident" tfisser okkorrenza marbuta mat-tħaddim ta' inġenji tal-ajru li, fil-każ ta' inġenji tal-ajru b'ekwipaġġ, isseħħ fil-perjodu minn x'ħin persuna tirkeb l-inġenji tal-ajru bil-ħsieb li tagħmel titjira sa dak il-ħin meta kull persuna bħal dik tkun żbarkat, jew fil-każ ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, isseħħ fil-perjodu minn x'ħin l-inġenji tal-ajru jkun lest biex jitlaq bil-ħsieb li jagħmel titjira sal-ħin meta jieqaf għal kollox fi tmiem it-titjira u tintefa s-sistema ta' propulsjoni ewlenija tiegħu, u meta:

(a) persuna ġġarrab korriment fatali jew gravi bħala riżultat li dik il-persuna:

(i) tkun fl-inġenji tal-ajru, jew

(ii) tkun ġiet f'kuntatt dirett ma' xi parti tal-inġenji tal-ajru, kompriżi partijiet li jkunu ġew maqlugħa mill-inġenji tal-ajru, jew

(iii) tkun ġiet esposta b'mod dirett għal *jet blast*,

ħlief fejn il-korrimenti jsiru b'riżultat ta' kawżi naturali, jew ikunu magħmula mill-persuna nnifisha jew minn persuni oħra, jew meta l-korrimenti jkunu saru fuq persuni li jkunu nħbew barra minn dawk iż-żoni li jkunu normalment disponibbli għall-passiġġieri u l-ekwipaġġ; jew

(b) l-inġenji tal-ajru jġarrab ħsara jew nuqqas strutturali li:

(i) jaffettwa b'mod avvers is-saħħa strutturali, il-prestazzjoni jew il-karatteristiċi tat-titjir tal-inġenji tal-ajru, u

(ii) normalment ikun jeħtieġ tiswija jew tibdil maġġuri tal-parti affettwata, ħlief għal -

- meta l-magna ma tibqax taħdem jew tkun saritilha ħsara, meta l-ħsara tkun limitata għal magna waħda, il-qoxra jew l-aċċessorji tagħha,

- ħsara limitata għall-iskrejjen, truf tal-ġwienaħ, antenni, *probes*, qlugħ tal-iskrejjen, tajers, brejkijiet, roti, *fairings*, panelli, l-apparat għall-inżul tar-roti,

- ħsara lill-*windscreens*,

- daqqiet żgħar u toqob żgħar fil-qoxra tal-inġenji tal-ajru,

- ħsarat żgħar fl-iskrejjen prinċipali, fi skrejjen li jkunu fuq in-naħa ta' wara, fl-apparat għall-inżul, u

- ħsarat żgħar li jirriżultaw b'daqqiet minn silġ jew għasafar, kompriżi toqob fir-*radome*; jew

(ċ) l-inġenji tal-ajru jkun intilef jew ma jkun bl-ebda mod aċċessibbli;

L.S. 499.09 "ajrudrom" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-*Air Navigation Order*;

"l-Anness" tfisser l-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, kif emendata minn żmien għal żmien;

"ASAE" tfisser l-Aġenzija għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ewropea;

Kap. 232. "l-Att" tfisser l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili;

"il-*Bureau*" tfisser il-*Bureau* għall-Investigazzjoni tal-Aċċidenti tal-Ajru stabbilit taħt ir-regolament 5;

"id-Direttiva 2003/42/KE" tfisser id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rapporti ta' okkorrenzi fl-

Avjazzjoni Ċivili, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili" tfisser id-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; Kap. 499.

"fatturi li jkunu kkontribwew" tfisser azzjonijiet, ommissjonijiet, avvenimenti, kundizzjonijiet, jew taħlita tagħhom, li, kieku ġew eliminati jew evitati, ikunu naqqsu l-probabbiltà li jseħħ l-aċċident jew l-inċident, jew taffew il-gravità tal-konsegwenzi tal-aċċident jew inċident. L-identifikazzjoni ta' fatturi li jkunu kontribwew ma għandhiex tiftiehem l-għoti ta' tort jew iċ-ċessjoni ta' responsabbiltà amministrattiva, ċivili jew kriminali;

"impriża" tfisser kull persuna naturali, kull persuna ġuridika, sew jekk qiegħda tagħmel profitt jew le, jew kull korp uffiċjali sew jekk ikollu l-personalità ġuridika jew ma jkollux il-personalità ġuridika;

"inċident" tfisser okkorrenza, li ma tkunx aċċident, marbuta mat-tħaddim ta' inġenji tal-ajru li taffettwa jew li tista' taffettwa s-sikurezza tat-tħaddim tal-inġenji tal-ajru;

"inċident gravi" tfisser inċident li jkun jinvolvi ċirkostanzi li jkunu jindikaw li kien hemm kważi aċċident marbut mat-tħaddim ta' inġenji tal-ajru, li -

(a) fir-rigward ta' inġenji tal-ajru li jkollu ekwipaġġ, iseħħ fil-perjodu minn x'ħin persuna tirkeb l-inġenji tal-ajru bil-ħsieb li tagħmel titjira sa dak il-ħin meta kull persuna bħal dik tkun żbarkat, jew

(b) fir-rigward ta' inġenji tal-ajru li ma jkollux ekwipaġġ, iseħħ fil-perjodu minn x'ħin l-inġenji tal-ajru jkun lest biex jitlaq bil-ħsieb li jagħmel titjira sal-ħin meta jieqaf għal kollox fi tmiem it-titjira u tintefa s-sistema ta' propulsjoni ewlenija tiegħu. Eżempji ta' inċidenti gravi huma mniżżla fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 996/2010;

"inġenji tal-ajru" tfisser kull magna li tista' tieħu support mill-atmosfera mir-reazzjonijiet tal-arja li ma jkunux reazzjonijiet tal-arja ma' wiċċ id-dinja, li jkollha reġistrazzjoni ċivili ħlief f'każi oħra meta l-Ispettur Ewlieni tal-*Bureau* jistabbilixxi li għandha ssir investigazzjoni taħt ir-regolamenti 5(4) u 10(2);

"investigatur responsabbli" tfisser spettur li, abbażi tal-kwalifiki tiegħu, jiġi nominat bħala hekk taħt ir-regolament 6 u jingħata r-

responsabbiltà jorganizza, jagħmel u jikkontrolla investigazzjoni;

"investigazzjoni" tfisser il-proċess li jiġi segwit sabiex jiġu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti li jkun jinkludi l-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni, it-tfassil ta' konklużjonijiet, kompriżi d-determinazzjoni tal-kawża jew kawżi u, jew il-fatturi li jkunu kontribwew għalih u, meta jkun xieraq, l-għemil ta' rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà;

"kawża" tfisser kull azzjoni, ommissjoni, okkorrenza, kondizzjoni, jew taħlita tagħhom, li tkun wasslet għall-aċċident jew inċident, iżda l-identifikazzjoni tal-kawża ma tkunx timplika l-għoti ta' tort jew id-determinazzjoni tar-responsabbiltà amministrattiva, ċivili jew kriminali;

"il-Konvenzjoni ta' Chicago" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, magħmula f'Chicago fis-7 ta' Diċembru, 1944;

"konsulent" tfisser persuna nominata minn Stat, abbażi tal-kwalifiki tagħha, sabiex tassisti lir-rappreżentant akkreditat f'investigazzjoni dwar is-sigurtà;

"korriment fatali" tfisser korriment li persuna tkun ġarrbet f'aċċident u li jwassal għall-mewt ta' dik il-persuna fi żmien tletin ġurnata minn meta jkun seħħ l-aċċident;

"korriment gravi" tfisser korriment li jiġġarrab minn persuna f'aċċident u li -

(a) jirrikjedi dħul fi sptar għal aktar minn tmienja u erbgħin siegħa, li jibdew fi żmien sebat ijiem mid-data tal-korriment; jew

(b) jirriżulta fi ksur ta' xi għadma (ħlief ksur sempliċi ta' swaba' tal-idejn u tas-saqajn, jew tal-imnieħer); jew

(ċ) jinvolvi laċerazzjonijiet li jikkawżaw emoraġija severa, jew ħsara severa lin-nervituri, muskoli jew tendini; jew

(d) jinvolvi korriment ta' xi organu intern; jew

(e) jinvolvi ħruq tat-tieni jew tielet grad, jew ħruq li jaffettwa aktar minn ħamsa fil-mija tas-superfiċi tal-ġisem; jew

(f) jinvolvi l-espożizzjoni verifikata għal sustanzi infettanti jew radjazzjoni dannuża;

"il-Kummissjoni Ewropea" tfisser il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-avjazzjoni ċivili;

"operatur" tfisser persuna naturali jew ġuridika, li tkun qiegħda tħaddem inġenji tal-ajru jew li jkollha l-ħsieb tħaddem inġenji tal-ajru;

"pilota li jkun fi kmand" tfisser persuna li għal dak il-ħin ikollha r-responsabbiltà li tippilota l-inġenji tal-ajru mingħajr ma tkun taħt id-direzzjoni ta' xi pilota ieħor fl-inġenji tal-ajru;

"qraba" tfisser l-eqreb membri tal-familja u, jew l-eqreb fin-nisel u, jew persuna oħra konnessa mill-qrib mal-vittma ta' aċċident, kif imfissra taħt il-liġi nazzjonali tal-vittma;

"rakkomandazzjoni dwar is-sigurtà" tfisser proposta mill-awtorità li tkun qiegħda tagħmel l-investigazzjoni dwar is-sigurtà, ibbażata fuq informazzjoni miksuba minn dik l-investigazzjoni jew minn għejun oħra bħal studji dwar is-sikurezza, li ssir bil-ħsieb li jiġu evitati aċċidenti u inċidenti;

"rapport finali" tfisser ir-rapport magħmul skont ir-regolament 17, magħmul fil-format stabbilit fl-Appendiċi li jinsab mal-Anness u li jista' jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi tal-aċċident jew tal-inċident li dwaru tkun qiegħda ssir l-investigazzjoni;

"rapport preliminari" tfisser il-komunikazzjoni użata għat-tixrid bla telf ta' żmien ta' informazzjoni miksuba matul l-istadji tal-bidu tal-investigazzjoni;

"rappreżentant akkreditat" tfisser persuna nominata minn Stat, abbażi tal-kwalifiki tagħha, sabiex tieħu sehem f'investigazzjoni dwar is-sigurtà li ssir minn Stat ieħor u li tkun tappartjeni lil awtorità li tinvestiga s-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili;

"ir-Regolament (UE) Nru 996/2010" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

"reġistratur tat-titjira" tfisser kull mezz ta' reġistrazzjoni installat fl-inġenji tal-ajru sabiex jiffaċilita l-investigazzjonijiet ta' aċċidenti u, jew inċidenti;

"proprjetarju", fir-rigward ta' inġenji tal-ajru li jkun reġistrat,

tfisser il-proprjetarju reġistrat tal-inġenji tal-ajru;

"spettur" tfisser persuna kwalifikata b'impjieg mal-*Bureau* fuq bażi *ad hoc* jew *part-time* jew *full-time*;

"Spettur Ewlieni" tfisser l-Ispettur Ewlieni għall-aċċidenti tal-ajru maħtur taħt ir-regolament 6;

"*standards* internazzjonali u prattiċi rakkomandati" tfisser l-i*standards* internazzjonali u l-prattiċi rakkomandati għall-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti tal-inġenji tal-ajru adottati skont l-artikolu 37 tal-Konvenzjoni ta' Chicago;

"Stat tad-disinn" tfisser l-Istat li jkollu kompetenza fuq l-organizzazzjoni li tkun responsabbli mid-disinn tat-tip;

"Stat Kontraenti" tfisser kull Stat li huwa parti għall-Konvenzjoni ta' Chicago;

"Stat tal-manifattura" tfisser l-Istat li jkollu kompetenza fuq l-organizzazzjoni li tkun responsabbli għall-immuntar finali tal-inġenji tal-ajru;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea;

"Stat tal-okkorrenza" tfisser l-Istat li fit-territorju tiegħu jkun seħħ aċċident jew inċident;

"Stat tal-operatur" tfisser l-Istat li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk ma jkunx hemm post ta' negozju bħal dak, ir-residenza permanenti tal-operatur;

"Stat tar-reġistru" tfisser l-Istat li fir-reġistru tiegħu jkollu reġistrat l-inġenji tal-ajru;

"iż-Żona Ekonomika Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea bejn il-Komunità Ewropea u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Ewropea li kien iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992.

Skop u applikabbiltà.

3. (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru. 996/2010 u tal-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal aċċidenti u inċidenti gravi li jirriżultaw min-navigazzjoni tal-ajru jew waqt in-navigazzjoni tal-ajru u li jseħħu lil -

(a) inġenji tal-ajru f'Malta jew fuq Malta, jew

(b) x'imkien ieħor lil inġenji tal-ajru li jkunu reġistrati f'Malta jew inġenji tal-ajru li jkunu operati minn operatur stabbilit f'Malta iżda l-inġenji tal-ajru ma jkunx reġistrat f'Malta, fejn investigazzjonijiet bħal dawk ma jkunux qegħdin isiru minn Stat ieħor.

(3) Dawn ir-regolamenti ma jkunux japplikaw għal dawk l-inġenji tal-ajru msemmija fil-paragrafi (i) u (j) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni.

TAQSIMA II

INVESTIGAZZJONIJIET

Skop tal-investigazzjoni.

4. (1) L-iskop uniku tal-investigazzjoni ta' aċċident jew ta' inċident taħt dawn ir-regolamenti huwa l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fil-futur.

(2) Mingħajr ħsara għas-subregolament (1), l-iskop ta' investigazzjoni bħal dik m'għandux ikun li tagħti ħtija jew responsabbiltà.

(3) Investigazzjoni għandha tinkludi -

(a) il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni u tal-evidenza kollha disponibbli dwar l-aċċident jew l-inċident;

(b) jekk xieraq, il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà;

(ċ) jekk possibbli, id-determinazzjoni tal-kawżi; u

(d) fir-rigward ta' aċċident jew inċident gravi, it-tlestija tar-rapport finali.

L-istabbiliment tal-*Bureau* għall-Investigazzjoni ta' Aċċidenti tal-Ajru.

5. (1) Għandu jiġi stabbilit taħt il-Ministeru responsabbli mill-avjazzjoni ċivili korp, li jkun magħruf bħala *Bureau* għall-Investigazzjoni ta' Aċċidenti tal-Ajru, biex jagħmel investigazzjonijiet dwar is-sikurezza skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-*Bureau* għandu jkun finanzjat indipendentement minn xi awtorità f'Malta li tkun responsabbli, b'mod partikolari, għall-kapaċità għat-titjir, iċ-ċertifikazzjoni, l-operat ta' titjiriet, il-manutenzjoni, il-liċenzjar, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru jew it-

tħaddim ta' ajrudromi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u, b'mod ġenerali, minn xi parti jew entità oħra li l-interessi jew missjonijiet tagħha jistgħu jkunu f'konflitt mal-funzjonijiet tal-*Bureau* jew jinfluwenzaw l-oġġettività tiegħu.

(3) Fit-twettiq ta' investigazzjoni dwar is-sigurtà, il-*Bureau* la għandu jfittex u lanqas m'għandu jieħu istruzzjonijiet mingħand xi persuna oħra u għandu jkollu awtorità mingħajr restrizzjonijiet fit-twettiq tal-investigazzjonijiet.

(4) Il-funzjonijiet tal-*Bureau* għandhom jinkludu l-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni u *data* marbuta mas-sigurtà fl-avjazzjoni, b'mod partikolari għal għanijiet ta' prevenzjoni ta' aċċidenti, sakemm dawk il-funzjonijiet ma jaffettwawx l-indipendenza tiegħu u ma jimplikawx responsabbiltà fi ħwejjeġ regolatorji, amministrattivi jew ta' *standards*.

(5) Il-*Bureau* għandu jingħata l-mezzi, ir-riżorsi u faċilitajiet adegwati li jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq ir-resposabbiltajiet tiegħu b'mod indipendenti, kompriżi faċilitajiet għall-ħażna tal-inġenji tal-ajru u biex jiġu eżaminati inġenji tal-ajru, il-kontenut u l-fdalijiet tagħhom.

(6) Il-Ministru għandu jiżgura, b'mod partikolari, li -

(a) il-*Bureau* jkun jinkludi għallinqas -

(i) spettur ewlieni li jkun kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, u

(ii) spettur li jkun kapaċi jwettaq il-funzjonijiet ta' investigatur responsabbli f'każ ta' aċċidenti tal-ajru maġġuri;

(b) l-ispetturi fi ħdan il-*Bureau* jingħataw dak l-istatus kif ikun meħtieġ sabiex jiggarantixxu l-indipendenza tal-*Bureau* fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(7) Il-*Bureau* jista', f'kull ħin, jitlob assistenza mingħand l-awtoritajiet li jinvestigaw ta' Stati oħra jew jagħti assistenza, meta jintalab, lil awtoritajiet oħra li jinvestigaw fi Stati oħra. Meta dik l-assistenza tingħata lil Stati Membri hija għandha, safejn ikun possibbli, tingħata mingħajr ħlas.

(8) Il-*Bureau* għandu jkollu fis-seħħ manwal ta' kif għandhom isiru l-investigazzjonijiet ta' aċċidenti u inċidenti li jkollu l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha li jkunu meħtieġa sabiex l-investigaturi jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom.

Il-ħatra ta' spetturi.

6. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Ministru għandu jaħtar Spettur Ewlieni abbażi ta' kwalifika adegwata, li jkun responsabbli direttament lejn il-Ministru għall-funzjoni amministrattiva tal-*Bureau*. Il-Ministru għandu, bil-parir tal-Ispettur Ewlieni, jaħtar Spetturi ta' Aċċidenti tal-Ajru skont il-kriterji stabbiliti fil-manwal operattiv tal-*Bureau*.

(2) Il-Ministru għandu jagħti lil spettur mandat tal-ħatra tiegħu bħala spettur u, meta dak l-ispettur ikun qiegħed iwettaq il-funzjoni ta' spettur huwa għandu, jekk jiġi mitlub minn persuna li tkun affettwata, jipproduċi dak il-mandat lil dik il-persuna.

(3) Ir-rimunerazzjoni lill-Ispettur Ewlieni u lill-ispetturi kif ukoll lil persuni oħra maħtura taħt is-subregolament (7) biex jassistu f'investigazzjoni, tiġi stabbilita mill-Ministru bil-kunsens tal-Ministru reponsabbli għall-finanzi.

(4) L-Ispettur Ewlieni jista' jiddelega kull setgħa jew obbligu li għandu taħt dawn ir-regolamenti lil spettur li jiġi nominat minnu bħala deputat tiegħu.

(5) L-Ispettur Ewlieni jista' jaħtar lilu nnifsu bħala investigatur responsabbli għal xi investigazzjoni partikolari sakemm ma jkun jeżisti ebda kunflitt ta' interess.

(6) Fejn is-subregolament (5) ma jkunx japplika, l-Ispettur Ewlieni għandu jaħtar spettur kwalifikat skont il-kriterji stabbiliti fil-manwal operattiv tal-*Bureau* sabiex jagħmilha ta' investigatur responsabbli għal investigazzjoni.

(7) L-Ispettur Ewlieni jista' jaħtar persuna kwalifikata jew aktar biex tassisti lill-investigatur responsabbli waqt investigazzjoni u persuna bħal dik għandu jkollha, għall-iskop biex hekk taġixxi, dawk il-funzjonijiet ta' spettur taħt dawn ir-regolamenti kif ikun speċifikat fil-manwal operattiv tal-*Bureau* meta ssir il-ħatra tagħha.

(8) Investigatur responsabbli għandu jkun indipendenti minn kull parti involuta f'aċċident jew f'inċident, mill-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 5(2) u kull impriża oħra li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f'konflitt max-xogħol li jkun ġie fdat lill-imsemmi investigatur.

Ħatra ta' rappreżentanti akkreditati minn Stati oħra.

7. (1) Meta investigazzjoni ta' aċċident jew inċident gravi tkun qiegħda ssir minn investigatur responsabbli taħt dawn ir-regolamenti, kull Stat ieħor li jkun -

(a) l-Istat tar-reġistru;

(b) l-Istat tad-disinn;

(ċ) l-Istat tal-manifattura;

(d) l-Istat tal-operatur; jew

(e) Stat li, b'talba, jipprovdi informazzjoni, faċilitajiet jew esperti f'investigazzjoni,

ikun intitolat jaħtar rappreżentant akkreditat biex jieħu sehem fl-aspetti kollha tal-investigazzjoni.

(2) Ir-rappreżentat akkreditat għandu jiġi mħolli -

(a) iżur il-post tal-aċċident;

(b) jeżamina t-tifrik;

(ċ) jeżamina xhieda;

(d) jirċievi kopja ta' kull dokument pertinenti (ħlief għal dawk li l-investigatur jiddeċiedi li ma jkunx ġust li jiġu mibgħuta);

(e) ikollu aċċess sħiħ għal kull evidenza relevanti fl-aktar fis possibbli;

(f) jagħmel sottomissjonijiet;

(g) jipparteċipa fis-smiegħ ta' informazzjoni reġistrata; u

(h) jipparteċipa f'attivitajiet marbuta ma' investigazzjoni li ssir f'post li ma jkunx il-post tal-aċċident.

(3) Rappreżentant akkreditat maħtur taħt dan ir-regolament jista' jkun akkumpanjat minn dawk l-esperti tekniċi u konsulenti oħra li jkunu jitqiesu meħtieġa mill-awtoritajiet tal-Istat li jkun ħatru. Il-grad ta' parteċipazzjoni ta' konsulenti bħal dawk fl-investigazzjoni jkun deċiż mill-investigatur responsabbli wara konsultazzjoni mar-rappreżentant akkreditat.

(4) Stat Kontraenti li jkollu interess speċjali f'aċċident minħabba mwiet jew korrimenti gravi liċ-ċittadini tiegħu jista', b'talba lill-investigatur responsabbli, jaħtar espert biex jipparteċipa fl-investigazzjoni.

(5) Espert li jiġi maħtur taħt is-subregolament (4) ikun jista' -

(a) jżur il-post tal-aċċident;

(b) jkollu aċċess għall-informazzjoni fattwali relevanti;

(ċ) jipparteċipa fl-identifikazzjoni tal-vittmi;

(d) jassisti fl-interrogazzjoni ta' passiġġieri superstiti u li jkunu ċittadini tal-Istat li minnu jkun l-espert; u

(e) jirċievi kopja tar-rapport finali.

(6) Ir-rappreżentant akkreditat, il-konsulent tiegħu u l-espert maħtur taħt is-subregolament (4) -

(a) għandhom jipprovdu lill-investigatur responsabbli l-informazzjoni relevanti li jkollhom disponibbli; u

(b) m'għandhom jiżvelaw ebda informazzjoni dwar l-andament u t-tisjib tal-investigazzjoni mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-investigatur responsabbli.

Osservaturi.

8. Rappreżentant ta' Stat jew korp li jinvestiga l-aċċidenti tal-ajru minn Stat li ma jkunx xi wieħed mill-Istati msemmija fir-regolament 7(1) jista', b'talba u bil-permess bil-miktub tal-Ispettur Ewlieni b'konsultazzjoni mal-investigatur responsabbli, jipparteċipa f'investigazzjoni bħala osservatur.

Ħatra ta' rappreżentant akkreditat, konsulent u espert mill-Ispettur Ewlieni.

9. (1) L-Ispettur Ewlieni jista' jaħtar rappreżentant akkreditat biex jieħu sehem fl-investigazzjoni ta' aċċident jew inċident li jseħħ fi Stat ieħor u konsulent jew aktar biex jassisti lir-rappreżentant akkreditat meta Malta:

(a) tkun l-Istat tar-reġistrazzjoni, l-Istat tal-operatur, l-Istat tal-manifattura jew l-Istat tad-disinn tal-inġenji tal-ajru involut fl-aċċident jew fl-inċident; jew

(b) tkun, b'talba tal-Istat li jkun qiegħed jagħmel l-investigazzjoni, ipprovdiet informazzjoni, faċilitajiet jew esperti lil dak l-Istat b'rabta mal-investigazzjoni.

(2) L-Ispettur Ewlieni jista' jaħtar espert biex jieħu sehem fl-investigazzjoni ta' aċċident li jseħħ fi Stat ieħor meta Malta jkollha interess speċjali fl-aċċident minħabba fatalitajiet jew korrimenti lil ċittadini ta' Malta.

(3) Ir-rappreżentant akkreditat u, fil-limitu speċifikat mill-Ispettur Ewlieni, konsulent maħtur minnu taħt is-subregolament (1) jista', għall-finijiet tal-investigazzjonijiet li fihom ikunu qegħdin

jieħdu parti, taħt il-kontroll tal-investigatur responsabbli jeżerċita d-drittijiet u s-setgħat kollha tal-investigatur responsabbli, jew partijiet minnhom, speċifikati fir-regolament 14(1) u (3) fir-rigward ta' inġenji tal-ajru, *records*, informazzjoni, dokument, oġġetti, xiehda jew evidenza oħra f'Malta jew li jkollha fil-pussess tagħha persuna f'Malta li r-rappreżentant akkreditat jew il-konsulent ikunu jikkunsidraw li huma rilevanti jew meħtieġa għall-investigazzjoni.

Obbligu ta' investigazzjoni.

10. (1) Bla ħsara għas-subregolament (4), l-Ispettur Ewlieni għandu jġiegħel li ssir investigazzjoni ta' aċċident fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta l-aċċident iseħħ f'Malta jew fuq Malta;

(b) meta l-aċċident iseħħ fi Stat li ma jkunx kontraenti li ma jkollux il-ħsieb li jagħmel investigazzjoni tal-aċċident u jkun jinvolvi inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta jew inġenji tal-ajru operat minn operatur stabbilit f'Malta;

(ċ) meta aċċident jinvolvi inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta jew inġenji tal-ajru operat minn operatur stabbilit f'Malta u l-investigazzjoni tiġi delegata lil Malta minn Stat Kontraenti ieħor b'arranġament konsenswali u kunsens; u

(d) meta aċċident ikun jinvolvi inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta u l-post tal-aċċident jew tal-inċident gravi ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'mod definit li jinsab fit-territorju ta' xi Stat.

(2) F'każ ta' aċċident jew inċident li jkun jinvolvi inġenji tal-ajru ċivili u inġenji tal-ajru militari jew ta' Stat, l-investigazzjoni għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u l-militar jew l-Istat ikunu parti mill-investigazzjoni.

(3) L-Ispettur Ewlieni jista', meta jidhirlu li tista' toħroġ minnha xi tagħlima utli dwar is-sigurtà tal-ajru, iġiegħel li ssir investigazzjoni ta' aċċident li jseħħ -

(a) f'Malta jew fuq Malta; jew

(b) b'xi mod ieħor barra minn Malta jew fuq Malta lil inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta.

(4) L-Ispettur Ewlieni jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, jiddelega l-investigazzjoni ta' aċċident jew ta' inċident gravi jew ta' parti minnha lil Stat Kontraenti ieħor jew lil korp li jinvestiga l-aċċidenti b'arranġament konsenswali u kunsens.

(5) Meta l-Ispettur Ewlieni jiddelega l-investigazzjoni kif

hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu -

(a) jiffaċilita l-investigazzjoni mill-investigatur responsabbli maħtur mill-Istat Kontraenti li jkun qed jagħmel l-investigazzjoni; u

(b) jibqa' responsabbli għat-twettiq tal-investigazzjoni fejn l-aċċident jew l-inċident ikun seħħ f'Malta jew fuq Malta.

(6) L-Ispettur Ewlieni jista' jagħmel, jew iqabbad spettur li jagħmel, investigazzjoni ta' aċċident jew inċident fejn l-investigazzjoni tkun ġiet delegata lil Malta minn Stat Kontraenti ieħor skont il-paragrafi 5.1, 5.1.1 jew 5.3 tal-Anness.

Notifika ta' aċċidenti u inċidenti.

11. (1) Meta aċċident jew inċident gravi jseħħ -

(a) f'Malta jew fuq Malta; jew

(b) band'oħra lil inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta jew lil inġenji tal-ajru operat minn operatur stabbilit f'Malta,

il-pilota li jkun fi kmand, jew jekk ikun inkapaċitat, l-operatur tal-inġenji tal-ajru u, fil-każ ta' aċċident jew inċident gravi li jseħħ fuq ajrudrom jew qrib ajrudrom, l-operatur tal-ajrudrom għandhom, minnufih -

(i) javżaw dwaru lill-Ispettur Ewlieni tal-*Bureau* bl-aktar mezzi ta' komunikazzjoni rapidi disponibbli;

(ii) fil-każ ta' aċċident li jseħħ f'Malta, jinnotifikaw ukoll lill-pulizija bl-aċċident u bil-post fejn ikun seħħ l-aċċident; u

(iii) jippreżentaw rapport ta' okkorrenza obbligatorju lid-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili.

(2) L-avviż li għalih jirriferi s-subregolament (1) għandu jinkludi l-aktar ammont possibbli mill-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' aċċident, l-abbrevjazzjoni identifikatriċi "ACCID" jew, fil-każ ta' inċident gravi, l-abbrevjazzjoni identifikatriċi "INCID";

(b) it-tip, mudell u l-marki ta' nazzjonalità u reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru;

(ċ) l-isem tal-proprjetarju, tal-operatur u tal-kerrej (jekk ikun il-każ) tal-inġenji tal-ajru;

(d) l-isem tal-pilota li jkun fi kmand tal-inġenji tal-ajru;

(e) id-data u l-ħin lokali jew il-Ħin Universali Koordinat (UTC) tal-aċċident jew tal-inċident gravi;

(f) l-aħħar post tat-tluq u dak tal-ewwel post li jmiss intenzjonat għall-inżul tal-inġenji tal-ajru;

(g) il-pożizzjoni tal-inġenji tal-ajru b'riferenza għal xi punt ġeografiku faċilment definit u bil-latitudni u lonġitudni;

(h) l-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ ta' passiġġieri abbord l-inġenji tal-ajru fil-ħin tal-aċċident jew tal-inċident;

(i) l-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ u ta' passiġġieri mejta jew midruba gravi b'riżultat tal-aċċident;

(j) l-għadd ta' persuni oħra mejta jew midruba gravi mhux fuq l-inġenji tal-ajru b'riżultat tal-aċċident;

(k) ix-xorta tal-aċċident jew tal-inċident gravi u l-entità tal-ħsara lill-inġenji tal-ajru sa fejn hi magħrufa;

(l) il-karatteristiċi fiżiċi taż-żona ta' fejn ikun sar l-aċċident jew l-inċident gravi, kompriża indikazzjoni ta' diffikultajiet ta' aċċess jew ħtiġiet speċjali biex jintlaħaq is-sit;

(m) il-preżenza u deskrizzjoni ta' merkanzija perikoluża abbord l-inġenji tal-ajru, jekk ikun il-każ; u

(n) l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tibgħat l-avviż.

(3) Jekk mhux id-dettalji kollha meħtieġa mis-subregolament (2) ikunu disponibbli fil-ħin tal-aċċident jew inċident gravi, l-avviż għandu jkollu dawk id-dettalji li jkunu disponibbli u avviż ieħor bid-dettalji l-oħra għandu jintbagħat fl-iqsar żmien possibbli wara dan.

(4) Meta aċċident, minbarra inċident gravi, iseħħ -

(a) f'Malta jew fuq Malta; jew

(b) band'oħra lil inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta jew lil inġenji tal-ajru operat minn operatur li jkun stabbilit f'Malta,

il-persuna rilevanti jew il-kerrej tal-inġenji tal-ajru għandu, jekk hekk meħtieġ b'avviż bil-miktub mill-investigatur responsabbli, jibgħat lill-investigatur responsabbli dik l-informazzjoni li jkollu fil-pussess

jew fil-kontroll tiegħu dwar l-aċċident f'dak il-ħin u f'dik il-forma li l-investigatur responsabbli jkun jeħtieġ.

(5) F'dan ir-regolament, "persuna rilevanti" tfisser -

(a) il-pilota li jkun fi kmand, operatur, jew il-proprjetarju tal-inġenji tal-ajru fil-ħin tal-aċċident jew tal-inċident gravi; jew

(b) meta l-aċċident jew inċident gravi jseħħ fuq ajrudrom jew qrib ajrudrom f'Malta, il-proprjetarju jew l-operatur tal-ajrudrom.

(6) Kull persuna oħra għandha tirrapporta lill-*Bureau* u lid-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili kull okkorrenza li tkun saret taf biha.

Azzjoni li għandha tittieħed mal-wasla tan-notifika.

12. (1) Meta jirċievi n-notifika skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11, l-Ispettur Ewlieni għandu, mingħajr dewmien, jibgħat l-avviż tal-aċċident jew inċident gravi, kompriża l-informazzjoni elenkata fid-dettall fir-regolament 11(2) -

(a) lit-Taqsima tas-Sigurtà fl-Ajru tal-Kummissjoni Ewropea;

(b) lill-ASAE;

(c) lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO);

(d) lill-Istat tar-reġistru, meta l-inġenji tal-ajru ma jkunx reġistrat f'Malta;

(e) lill-Istat tal-operatur, meta l-operatur ma jkollux il-liċenza maħruġa f'Malta;

(f) l-Istat tad-disinn, meta l-inġenji tal-ajru ma jkunx ġie disinjat f'Malta;

(g) l-Istat tal-manifattura jew immuntar finali, meta l-inġenji tal-ajru ma jkunx ġie manifatturat jew immuntat f'Malta.

(2) L-imsemmi avviż għandu jintbagħat skont *standards* u prattiċi internazzjonali.

(3) L-Ispetur Ewlieni għandu minnufih jagħti bidu għal investigazzjoni tal-aċċident jew tal-inċident gravi, skont ma jkun il-

każ.

(4) Meta jirċievi avviż ta' aċċident jew ta' inċident gravi li jseħħ barra minn Malta u li jkun jinvolvi inġenji tal-ajru reġistrat f'Malta jew inġenji tal-ajru operat minn operatur stabbilit f'Malta, l-Ispettur Ewlieni għandu:

(a) jiddikjara li rċieva l-avviż;

(b) meta l-Istat tal-okkorrenza, l-Istat tar-reġistru jew l-Istat tal-operatur li jkun qiegħed jinvestiga l-aċċident jew l-inċident ikun Stat Kontraenti, jipprovdi lil dak l-Istat l-informazzjoni li ġejja bl-inqas dewmien possibbli:

(i) kull informazzjoni rilevanti dwar l-inġenji tal-ajru u tal-ekwipaġġ tat-titjira involuti fl-aċċident jew fl-inċident gravi;

(ii) jekk Malta tkun l-Istat tal-operatur, dettalji ta' merkanzija perikoluża abbord l-inġenji tal-ajru;

(iii) jekk Malta tkun l-Istat tal-operatur, fi żmien sagħtejn min-notifika tal-okkorrenza tal-aċċident, lista valida, ibbażata fuq l-aħjar informazzjoni possibbli, tal-persuni kollha abbord;

(ċ) jinforma lill-Istat li għalih issir riferenza fil-paragrafu (b) -

(i) jekk l-Ispettur Ewlieni jkollux il-ħsieb li jaħtar jew jekk ikunx ħatar rappreżentant akkreditat; u

(ii) jekk ikun inħatar rappreżentant akkreditat u jkun se jmur fl-Istat li fih tkun qiegħda ssir l-investigazzjoni, id-dettalji biex ikun jista' jsir kuntatt ma' dik il-persuna u d-data li fiha r-rappreżentant akkreditat ikun mistenni jasal f'dak l-Istat.

Partijiet għall-investigazzjoni.

13. (1) L-investigatur responsabbli għandu jinnomina partijiet biex jieħdu parti fl-investigazzjoni.

(2) Il-partijiet għandhom ikunu limitati għal dawk il-persuni, aġenziji tal-gvern, kumpanniji, u assoċjazzjonijiet li l-impjegati tagħhom, il-funzjonijiet, l-attivitajiet jew il-prodotti tagħhom kienu involuti fl-aċċident jew inċident u li jkunu jistgħu jipprovdu persunal tekniku kwalifikat xieraq biex jgħin b'mod attiv fl-investigazzjoni.

(3) Il-parteċipanti għandhom ikunu taħt id-direzzjoni tal-

investigatur responsabbli permezz tar-rappreżentanti u koordinaturi tal-parti rispettiva tagħhom u parti tista' titlef l-istatus bħala parti jekk ma tosservawx id-doveri u l-proskrizzjoni ta' attività assenjati jew istruzzjonijiet jew iġġib ruħha b'mod li tippreġudika l-investigazzjoni.

Is-setgħat tal-ispetturi.

14. (1) Għall-finijiet tal-investigazzjoni ta' aċċident jew inċident gravi li għaliha dawn ir-regolamenti japplikaw, spettur investigattiv għandu -

(a) ikollu aċċess immedjat liberu u mingħajr xkiel għas-sit tal-aċċident jew inċident u għal kull post jew bini ieħor fuq jew li fih ikun hemm jew jista' jinsab xi oġġett li, fil-fehma tiegħu, għandu jiġi eżaminat;

(b) ikollu aċċess mingħajr tfixkil għall-inġenji tal-ajru, għall-kontenut tiegħu jew għall-fdalijiet tiegħu u kontroll liberu fuqu;

(ċ) ikollu s-setgħa li jiżgura u jippriserva l-post tal-aċċident u biex jiżgura lista immedjata ta' evidenza u t-tneħħija kontrollata ta' fdalijiet, jew partijiet għall-fini ta' eżami jew analiżi;

(d) ikollu aċċess immedjat u liberu għal u kontroll fuq il-*flight recorders*, il-kontenut tagħhom u kull registrazzjoni rilevanti oħra;

(e) ikollu aċċess sħiħ għall-evidenza kif ikun meħtieġ, ukoll meta dik l-evidenza tkun miżmuma taħt il-pussess tal-Qrati ta' Malta jew tal-Pulizija, f'liema każ il-maġistrat inkwirenti jew il-Kummissarju tal-Pulizija, skont ma jkun il-każ, għandhom jippermettu lil dak l-ispettur biex ikollu aċċess għall-evidenza kollha li tkun fil-pusssess tal-Qrati jew tal-Pulizija;

(f) jitlob, u jikkontribwixxi għal eżami tal-iġsma tal-vittmi jew testijiet fuq kampjuni meħuda minn iġsma ta' vittmi u jkollu aċċess għal u jiġi provdut bir-riżultati ta' dawk l-eżamijiet jew testijiet;

(g) jitlob li jsiru eżamijiet mediċi ta' persuni involuti fit-tħaddim tal-inġenji tal-ajru jew testijiet fuq kampjuni meħuda minn persuni bħal dawk u li jkollu aċċess immedjat għar-riżultati ta' eżamijiet jew testijiet bħal dawk u jiġi provdut b'riżultati bħal dawk;

(h) ikollu s-setgħa li jsejjaħ u jeżamina xiehda u li

jobbligahom jagħtu jew jipproduċu informazzjoni jew evidenza rilevanti għall-investigazzjoni; u

(i) ikollu aċċess liberu għal kull informazzjoni rilevanti jew dokumentazzjoni miżmuma mill-proprjetarju, mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip tad-disinn, l-organizzazzjoni responsabbli għall-manutenzjoni, l-organizzazzjoni tat-taħriġ, l-operatur jew il-manifattur tal-inġenji tal-ajru, il-kerrej, l-awtoritajiet responsabbli għall-avjazzjoni ċivili, ASAE u mill-fornituri jew mill-operaturi tal-ajrudrom.

(2) L-ispettur investigattiv jista' jordna li l-aċċess ikun projbit jew ristrett, jew jista' jagħmel kundizzjonijiet għal dak l-aċċess, lil kull persuna li tkun qrib inġenji tal-ajru, inkluż fdalijiet jew partijiet, jew oġġetti oħra, jew f'sit li huwa jikkunsidra, fuq bażi reġonevoli, li jkun rilevanti għall-investigazzjoni tal-aċċident jew inċident, għal dak il-perjodu li l-ispettur investigattiv jista' jqis li jkun meħtieġ, biex tkun tista' ssir investigazzjoni kif xieraq.

(3) Għall-fini tas-subregolament (1), l-ispettur investigattiv għandu -

(a) jgħajjat quddiemu u jeżamina kull persuna li jidhirlu xieraq billi jirrikjedi lil dik il-persuna twieġeb għal kull mistoqsija jew tagħti kull informazzjoni jew tipproduċi kotba, karti, dokumenti u oġġetti li l-ispettur investigattiv jista' jidhirlu li jkunu rilevanti u li jżomm dawk il-kotba, karti, dokumenti u oġġetti sakemm tintemm l-investigazzjoni;

(b) jieħu dikjarazzjonijiet minn kull persuna li jidhirlu xieraq u li jirrikjedi kull persuna bħal dik tagħmel u tiffirma dikjarazzjoni tal-verità tad-dikjarazzjoni magħmula minnha;

(ċ) wara li juri l-kredenzjali tiegħu jekk meħtieġ, jidħol u jispezzjona kull post, bini jew inġenji tal-ajru, meta dħul jew spezzjoni bħal dawk ikunu, fil-fehma tal-ispettur investigattiv, meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjoni;

(d) wara li juri l-kredenzjali tiegħu jekk meħtieġ, ineħħi, jittestja, jieħu miżuri biex jiġi preservat kull inġenji tal-ajru ieħor barra dak involut fl-aċċident few inċident, jew b'xi mod ieħor jittratta ma' dak l-inġenji tal-ajru, meta jidher lill-ispettur investigattiv li jkun meħtieġ għall-finijiet tal-investigazzjoni;

(e) jordna lil patoloġista jew lil xi persuna oħra kwalifikata biex tagħmel eżami tal-iġsma tal-vittmi jew eżami permezz ta' analiżi, test jew xort'oħra ta' partijiet tal-ġisem jew

il-kontenut tal-ġisem jew ta' xi sustanza oħra jew oġġett relevanti ta', jew li jirrelata għal, vittma u li jipprovdi rapport fuq ir-riżultati ta' dak l-eżami, analiżi jew test; u

(f) jieħu dawk il-miżuri li huwa jikkunsidra li jkunu xierqa biex tiġi preżervata l-evidenza.

(4) Kull persuna mħarrka minn spettur investigattiv taħt is-subregolament (3)(a) għandha tiġi mogħtija dawk l-ispejjeż li l-Ministru jista' jistabbilixxi.

Forma u proċedura tal-investigazzjonijiet.

15. (1) Il-firxa tal-investigazzjonijiet u l-proċedura li għandhom jiġu segwiti waqt l-investigazzjonijiet meħtieġa jew awtorizzati taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu deċiżi mill-Ispettur Ewlieni waqt li jieħu f'konsiderazzjoni -

(a) l-iskop deskritt fir-regolament 4(1) u (2);

(b) it-tagħlim li jistenna li jakkwista mill-aċċident jew l-inċident biex titjieb is-sigurtà; u

(ċ) il-kumplessità tal-investigazzjoni.

(2) Meta tkun qed issir investigazzjoni għandu jinħareġ avviż b'dak il-mod li l-Ispettur Ewlieni jidhirlu xieraq fejn issir stedina lil -

(a) kull xhud tal-aċċident jew inċident biex jersaq 'il quddiem, u

(b) kull persuna li tixtieq tagħmel ilment dwar iċ-ċirkostanzi tal-aċċident jew inċident biex tagħmel hekk bil-miktub fiż-żmien speċifikat fl-avviż.

(3) L-investigazzjoni għandha tinbeda minnufih u għandha ssir fil-privat.

(4) Investigazzjoni għandha tinkludi -

(a) il-ġbir, reġistrazzjoni u analiżi tal-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-aċċident jew inċident,

(b) meta jkun xieraq, il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà,

(ċ) jekk possibbli, id-determinazzjoni tal-kawża, u

(d) meta jkun xieraq, ir-rapport finali.

(5) F'kull stadju tal-investigazzjoni, l-Ispettur Ewlieni għandu

jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet xierqa, kompriżi dawk fi Stati oħra, dwar kull azzjoni preventiva li tkun meħtieġa tittieħed fil-pront biex jiġu evitati aċċidenti jew inċidenti simili.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 17(4) u 22, l-Ispettur Ewlieni jista' f'kull ħin jippubblika, jew iġiegħel li tiġi pubblikata, informazzjoni relatata mal-aċċident jew inċident, kemm jekk dak l-aċċident jew inċident ikunu l-oġġett ta' investigazzjoni minn spettur kemm jekk le.

(7) Jekk, waqt li tkun qiegħda ssir investigazzjoni, isir magħruf jew ikun hemm suspett li fl-aċċident jew inċident kien hemm involut xi att ta' indħil illegali jew att kriminali, l-Ispettur Ewlieni għandu, wara li jikkonsulta mal-Ministru, minnufih jieħu azzjoni biex jiżgura li jiġu informati l-awtoritajiet ġudizzjarji Maltin u l-awtoritajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni jew il-pulizija tal-Istati involuti.

Koordinazzjoni ta' investigazzjoni u tneħħija ta' inġenji tal-ajru jew il-fdalijiet tiegħu.

16. (1) Meta tkun bdiet issir ukoll investigazzjoni ġudizzjarja, l-Ispettur Ewlieni għandu jiġi avżat b'dik l-investigazzjoni u huwa għandu jiżgura t-traċċabbiltà tar-reġistrazzjonijiet tat-titjira u ta' xi evidenza fiżika u jżomm rendikont tagħhom.

(2) Meta l-qorti tieħu xi evidenza taħt idejha, l-Ispettur Ewlieni għandu jkollu aċċess minnufih u mingħajr limitu għal dik l-evidenza u għall-użu tagħha. Il-frażi "għall-użu" għandha wkoll tiftiehem li timplika kull forma ta' testjar distruttiv kif ikun meħtieġ, f'liema każ għandu jkun hemm koordinazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji għall-approvazzjoni ta' testijiet bħal dawk.

(3) Sa ma l-investigattur responsabbli jasal fis-sit tal-aċċident jew inċident gravi, ebda persuna m'għandha -

(a) timmodifika l-istat tas-sit tal-aċċident jew inċident;

(b) tieħu xi kampjuni minn dak is-sit;

(ċ) tagħmel xi moviment tal-inġenji tal-ajru, tal-kontenut jew tal-fdalijiet tiegħu jew tieħu xi kampjun minnhom jew tressqu jew tneħħieh, ħlief fejn azzjoni bħal dik tkun meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà jew biex tinġieb l-assistenza għall-persuni li jkunu korrew, jew bil-permess espliċitu tal-Ispettur Ewlieni.

(4) (a) Minkejja s-subregolament (3), l-inġenji tal-ajru jista' jiġi mneħħi jew imbagħbas safejn jista' jkun meħtieġ sabiex -

(i) jiġu maħruġa persuni jew annimali jew tiġi

mneħħija merkanzija perikoluża li tkun qed tinġarr fuq l-inġenji tal-ajru;

(ii) jiġu mneħħija, bl-approvazzjoni tal-investigatur responsabbli, posta jew oġġetti ta' valur;

(iii) ma ssirx qerda bin-nar jew b'xi kawża oħra;

(iv) ma jkunx hemm periklu jew ostruzzjoni għall-pubbliku, għan-navigazzjoni tal-ajru jew trasport ieħor sakemm it-tneħħija ma ssirx għal finijiet ta' qligħ jew kummerċjali;

(v) titneħħa kull proprjetà oħra mill-inġenji tal-ajru bl-awtorità tal-investigatur responsabbli u taħt is-superviżjoni ta' spettur tal-pulizija u, ta' uffiċjal tad-dwana.

(b) Jekk inġenji tal-ajru ikun iġġarraf fuq l-ilma, l-inġenji tal-ajru jew xi kontenut ta' fuqu jistgħu jiġu mneħħija safejn ikun meħtieġ biex jinġieb jew jinġiebu għal post ta' ħarsien.

(5) Meta l-Ispettur Ewlieni jew l-investigatur responsabbli jkun awtorizza lil persuna biex tneħħi oġġetti jew bagolli tal-passiġġieri minn inġenji tal-ajru jew biex teħles oġġetti jew bagolli tal-passiġġieri mill-kustodja tal-Ispettur Ewlieni jew tal-investigatur responsabbli, hu jista' -

(a) ineħħi l-oġġetti jew il-bagolli tal-passiġġieri mill-inġenji tal-ajru soġġett għas-superviżjoni ta' uffiċjal tal-pulizija; u

(b) jeħles l-oġġetti jew il-bagolli tal-passiġġieri mill-kustodja tal-Ispettur Ewlieni jew tal-investigatur responsabbli soġġett għall-approvazzjoni minn, u bil-kunsens ta', uffiċjal tad-dwana, jekk l-inġenji tal-ajru jkun ġie minn post barra minn Malta.

(6) Meta l-Ispettur Ewlieni jew l-investigatur responsabbli jkun tal-fehma li l-inġenji tal-ajru nvolut fl-aċċident jew inċident gravi x'aktarx ikun se jipperikola jew jostakola lill-pubbliku, lin-navigazzjoni tal-ajru jew lil trasport ieħor, huwa jista' jordna lill-proprjetarju, operatur jew kerrej ta' dak l-inġenji tal-ajru biex ineħħih għal dak il-post li l-Ispettur Ewlieni jew l-investigatur responsabbli jindika.

(7) Fl-assenza tal-propjetarju, operatur jew kerrej jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (6), l-

Ispettur Ewlieni jew l-investigatur responsabbli jkollhom is-setgħa jneħħu jew iġiegħlu li jitneħħa l-inġenji tal-ajru u ma jkunux responsabbli għal xi ħsara li tista' ssir waqt it-tneħħija tal-inġenji tal-ajru.

(8) L-ispejjeż li jsiru biex jitneħħa inġenji tal-ajru bħal dak għandhom jitħallsu mill-proprjetarju, operatur jew kerrej tal-inġenji tal-ajru u fejn l-inġenji tal-ajru jitneħħa mill-Ispettur Ewlieni jew mill-investigatur responsabbli taħt is-subregolament (7), spejjeż bħal dawk għandhom jiġu rkuprati mill-proprjetarju, operatur jew kerrej jew mingħandhom kollha.

(9) L-uffiċjali tal-pulizija jkunu responsabbli għaż-żamma talliġi u l-ordni u l-preservazzjoni tas-sit tal-aċċident sakemm jasal l-investigatur responsabbli.

(10) Mingħajr ħsara għas-subregolament (9) u fin-nuqqas ta' uffiċjal tal-pulizija fil-post, ir-responsabbiltà biex jiġi mħares is-sit tkun -

(a) tal-operatur tal-ajrudrom u tat-taqsima għar-Rispons ta' Emerġenza u Kontroll tan-Nar jekk is-sit ikun fl-inħawi tal-ajrudrom, u

(b) tad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili jekk is-sit ikun barra l-ġuridizzjoni tal-operatur tal-ajrudrom.

(11) Il-*Bureau*, fuq naħa, u awtoritajiet oħra li x'aktarx ikunu involuti fl-attivitajiet marbuta mal-investigazzjoni, bħalma huma l-qrati, l-avjazzjoni ċivili, l-awtoritajiet responsabbli mit-tiftix u s-salvataġġ min-naħa l-oħra, għandu jkollhom kif xieraq protokolli li jiżguraw li jkun hemm kooperazzjoni bejniethom permezz ta' arranġamenti minn qabel bħal dawk.

Rapporti tal-investigazzjoni.

17. (1) Meta ssir investigazzjoni taħt dawn ir-regolamenti ta' aċċident jew inċident gravi li jkun jinvolvi -

(a) inġenji tal-ajru li jkollu l-ogħla massa ċertifikata fit-tluq ta' aktar minn 2,250 kg; jew

(b) inġenji tal-ajru li jkollu l-ogħla massa ċertifikata fit-tluq ta' 2,250 kg jew inqas u meta jkunu nvoluti ħwejjeġ marbuta mal-fatt li inġenji tal-ajru jkun tajjeb għat-tajran jew ħwejjeġ oħra meqjusa ta' interess għal Stati Kontraenti oħra,

l-investigatur responsabbli għandu, sakemm ma jkunx intbagħat ir-Rapport tad-*Data* dwar l-Aċċident fi żmien tletin jum minn meta jkun seħħ l-aċċident, jibgħat Rapport Preliminari kif stabbilit fl-Anness fi

żmien dak il-perjodu -

(i) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati msemmija fir-regolament 12(1)(d), (e), (f) u (g) u lill-ICAO fir-rigward ta' inġenji tal-ajru taħt il-paragrafu (a); u

(ii) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati msemmija fir-regolament 12(1)(d), (e), (f) u (g) fir-rigward ta' inġenji tal-ajru taħt il-paragrafu (b).

(2) Meta jkunu involuti ħwejjeġ li jaffettwaw direttament is-sigurtà, ir-rapport preliminari għandu jintbagħat malajr kemm jista' jkun wara li l-informazzjoni tkun disponibbli u bil-mezzi disponibbli l-aktar xierqa u li jipprovdu l-akbar ħeffa.

(3) L-investigatur responsabbli għandu, malajr kemm jista' jkun wara li titlesta l-investigazzjoni ta' aċċident -

(a) jibgħat kopja tal-abbozz tar-rapport finali lill-Istati msemmija fir-regolament 12(1)(d), (e), (f) u (g), lill-Istati kollha li jkunu ħadu parti fl-investigazzjoni u, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, lill-opertur u lill-impriżi responsabbli għad-disinn tat-tip, ċertifikazzjoni u l-immuntar finali tal-inġenji tal-ajru, u meta l-investigazzjoni tkun ġiet mibdija minn Stat ieħor, lil dak l-Istat, fejn jiġu mistiedna jibagħtu l-kummenti sinfikanti u sostanzjati tagħhom dwar l-abbozz tar-rapport finali;

(b) jekk kummenti bħal dawk jaslu fi żmien sittin jum mid-data tal-ittra li tkun intbagħtet mal-abbozz tar-rapport finali, jemmenda l-abbozz tar-rapport finali biex jinkludi s-sustanza tal-kummenti li jkunu ntbagħtu, kif jitqies li jkun xieraq jew, jekk hekk ikun jixtieq l-Istat li jkun bagħat il-kummenti, jehmeż il-kummenti mar-Rapport Finali;

(ċ) jekk ma jkunu waslu l-ebda kummenti fi żmien sittin jum, ir-rapport finali għandu jiġu preżentat lill-Ministru u jiġi pubblikat sakemm dak il-perjodu ma jkunx ġie estiż bi qbil mal-Istat jew Stati involuti.

(4) Ir-rapport finali għandu jgħid li l-iskop uniku tal-investigazzjoni huwa l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fil-futur u r-rapport m'għandux jisvela l-identità tal-persuni involuti fl-aċċident jew inċident.

(5) L-Ispettur Ewlieni għandu, hekk kif ikun prattikabbli wara li tintemm l-investigazzjoni, jibagħat ukoll kopja tar-rapport finali -

(a) lill-partijiet kollha speċifikati fis-subregolament (3)(a), u

(b) lil kull Stat li ċittadini tiegħu jkunu sofrew korrimenti fatali jew gravi fl-aċċident, jew Stati li jkunu provdew informazzjoni rilevanti jew faċilitajiet sinifikanti;

(ċ) lir-rappreżentanti akkreditati;

(d) lill-konsulenti;

(e) lit-Taqsima dwar is-Sigurtà fl-Ajru tal-Kummissjoni Ewropea; u

(f) lill-ASAE.

(6) L-Ispettur Ewlieni għandu wkoll jibagħat lill-ICAO -

(a) kopja tar-rapport finali meta l-aċċident ikun jinvolvi inġenji tal-ajru bl-ogħla massa ċertifikata fit-tluq ta' iktar minn 5,700 kg; u

(b) ir-Rapport tad-*Data* dwar l-Aċċident meta l-aċċident ikun jinvolvi inġenji tal-ajru bl-ogħla massa ċertifikata fit-tluq ta' iktar minn 2,250 kg.

(7) L-Ispettur Ewlieni għandu, meta ssir investigazzjoni ta' inċident gravi li jkun jinvolvi inġenji tal-ajru bl-ogħla massa ċertifikata fit-tluq ta' iktar minn 5,700 kg, jibgħat lill-ICAO wara li titlesta l-investigazzjoni tal-inċident ir-rapport finali dwar l-inċident, jekk ir-rapport finali jkun ġie maħruġ, u r-Rapport tad-*Data* dwar l-Inċident.

Avviż tar-rapport u sottomissjonijiet dwaru.

18. (1) L-ebda rapport li jeħtieġ li jiġi pubblikat skont ir-regolament 20 m'għandu jiġi pubblikat jekk, fil-fehma tal-Ispettur Ewlieni, jista' jaffettwa ħażin ir-reputazzjoni ta' xi persuna, sakemm l-Ispettur Ewlieni -

(a) fejn ikun jidhirlu li jkun prattikabbli li jagħmel hekk, jagħti avviż taħt dan ir-regolament lil dik il-persuna, jew jekk dik il-persuna tkun mietet, lil dik il-persuna li tkun tidher fil-ħin li huwa jkun qed jipproponi li joħroġ avviż skont dan is-subregolament, li tirrappreżenta l-aħjar interess tal-persuna mejta fil-materja; u

(b) ikun għamel dak it-tibdil fir-rapport li huwa jkun jidhirlu li huwa xieraq wara li jkun ikkunsidra kull sottomissjoni li tista' ssirlu skont is-subregolament (3) minn persuna jew

f'isem persuna li lilha jkun ġie maħruġ avviż bħal dak.

(2) L-avviż imsemmi fis-subregolament (1)(a) għandu jkollu fih dettalji ta' kull analiżi proposta ta' fatti u konklużjonijiet dwar il-kawża jew kawżi tal-aċċident jew inċident li jistgħu jaffettwaw lill-persuna lil lilha jew dwarha jkun inħareġ l-avviż.

(3) Kull sottomissjoni li ssir skont is-subregolament (1)(b) għandha ssir bil-miktub u għandha, mingħajr ħsara għas-subregolament (6), tasal għand l-Ispettur Ewlieni fi żmien tmienja u għoxrin ġurnata mill-għoti tal-avviż imsemmi fis-subregolament (1)(a).

(4) Kopja tar-rapport ippreżentat lill-Ministru taħt ir-regolament 19 għandha tingħata mill-ispettur investigattiv lil kull persuna li tkun ingħatat avviż skont is-subregolament (1).

(5) Ebda persuna m'għandha tiżvela jew tippermetti li tiġi żvelata informazzjoni li jkun hemm f'avviż jew f'rapport li jiġi mogħti lilha skont is-subregolamenti (1) jew (4) lil xi persuna oħra mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub tal-Ispettur Ewlieni.

(6) L-Ispettur Ewlieni jkollu s-setgħa li jestendi l-perjodu ta' tmienja u għoxrin ġurnata msemmi fis-subregolament (3) u jkun jista' jibqa' jeżerċita dik is-setgħa ukoll jekk dak il-perjodu jkun skada.

Preżentazzjoni tar-rapport finali.

19. (1) L-Ispettur Ewlieni għandu jippreżenta r-rapport finali tal-investigazzjoni ta' aċċident jew inċident ta' inġenji tal-ajru lill-Ministru fi żmien tnax-il xahar mid-data tal-okkorrenza tal-aċċident jew inċident.

(2) Meta ma jkunx possibbli li r-rapport imsemmi jiġi preżentat kif hemm fis-subregolament (1), l-Ispettur Ewlieni jista' joħroġ rapporti interim perjodikament iżda mhux aktar tard minn kull anniversarju tal-okkorrenza u jagħti dettalji tal-progress tal-investigazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà li jkunu tqajmu.

Pubblikazzjoni tar-rapport.

20. (1) Bla ħsara għas-subregolament (2), l-Ispettur Ewlieni għandu, hekk kif ikun prattikabbli wara li jippreżenta r-rapport finali lill-Ministru, iġiegħel li r-rapport jiġi pubblikat b'dak il-mod li hu jkun jidhirlu li huwa xieraq. Il-pubblikazzjoni tar-rapport finali fuq il-websajt tal-*Bureau* għandha tissodisfa dan ir-rekwiżit.

(2) Ir-rapport finali għandu jintbagħat lill-Istati rilevanti erbatax-il jum qabel il-pubblikazzjoni tiegħu taħt is-subregolament (1).

(3) L-ebda persuna m'għandha tiċċirkola, tippubblika jew

tagħti aċċess għal abbozz ta' rapport jew xi parti minnu, jew xi dokumenti li jkunu ġew miksuba waqt investigazzjoni ta' aċċident jew inċident ta' inġenji tal-ajru sakemm ir-rapport jew dokument ma jkunx ġie pubblikat diġà mill-*Bureau*.

Rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà.

21. (1) F'kull stadju ta' investigazzjoni li tkun qiegħed ssir taħt dawn ir-regolamenti l-Ispettur Ewlieni għandu, permezz ta' ittra datata u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet rilevanti -

(a) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-avjazzjoni xierqa, kompriżi dawk fi Stati oħra, dwar azzjoni preventiva li l-investigatur responsabbli jqis li tkun meħtieġa tittieħed minnufih biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-avjazzjoni; u

(b) jindirizza, malajr kemm jista' jkun, kull rakkomandazzjoni dwar sigurtà li tirriżulta mill-investigazzjoni lill-awtoritajiet li jinvestigaw l-aċċidenti tal-Istati involuti u lill-ICAO.

(2) Impriża jew awtorità li lilha tkun intbagħtet rakkomandazzjoni għandha, mingħajr telf ta' żmien -

(a) tikkunsidra dik ir-rakkomandazzjoni u, meta jkun xieraq, tieħu azzjoni dwarha;

(b) tibagħat lill-Ispettur Ewlieni -

(i) id-dettalji kollha tal-miżuri, jekk ikun hemm, li tkun ħadet jew li tkun qiegħda tipproponi li se tieħu biex timplimenta r-rakkomandazzjoni u, jekk dawk il-miżuri jkunu se jiġu implimentati, l-iskeda għall-implimentazzjoni; jew

(ii) spjegazzjoni sħiħa dwar ir-raġuni l-għala ma jkunu se jittieħdu l-ebda miżuri biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni; u

(ċ) tavża lill-Ispettur Ewlieni b'kull dewmien sussegwenti fl-iskeda tal-implimentazzjoni li tkun intbagħtet taħt il-paragrafu (b)(i).

(3) Rakkomandazzjoni għal azzjoni preventiva jew rakkomandazzjoni ta' sigurtà m'għandha bl-ebda mod toħloq preżunzjoni ta' responsabbiltà għal aċċident jew inċident ta' inġenji tal-ajru.

(4) Meta rakkomandazzjoni għal azzjoni preventiva jew rakkomandazzjoni ta' sigurtà tintbagħat lill-Ministru jew lill-Ispettur

Ewlieni minn Stat ieħor, l-Ispettur Ewlieni għandu jinforma lil dak l-Istat fi żmien disgħin jum tan-notifika bl-azzjoni preventiva meħuda jew li tkun qiegħed tiġu kunsidrata, jew ir-raġunijiet il-għala ma tkunx se tittieħed azzjoni.

TAQSIMA III

MIXXELLANJI

Dokumentazzjoni li m'għandhiex tinkixef.

22. (1) Bla ħsara għas-subregolamenti (3), (5) u (6), informazzjoni li tinġabar waqt li tkun qiegħda ssir investigazzjoni m'għandhiex tiġi żvelata jew tingħata lil xi persuna ħlief b'konnessjoni ma' investigazzjoni li ssir taħt dawn ir-regolamenti.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-istqarrijiet kollha li jkunu ġew meħuda mingħand persuni waqt l-investigazzjoni;

(b) reġistrazzjonijiet li jiżvelaw l-identità ta' persuni li jkunu xehdu fil-kuntest tal-investigazzjoni;

(ċ) informazzjoni li tkun ġiet miġbura waqt l-investigazzjoni u li tkun ta' xorta sensittiva u personali partikolari, kompriża informazzjoni li jkollha x'taqsam mas-saħħa ta' individwi;

(d) materjal li jkun ġie sussegwentement prodott waqt l-investigazzjoni bħal noti, abbozzi, opinjonijiet bil-miktub mill-investigaturi, opinjonijiet espressi fl-analiżi ta' informazzjoni, kompriża informazzjoni meħuda mir-reġistratur tat-titjira;

(e) informazzjoni u xhieda mogħtija minn investigaturi minn Stati oħra skont *standards* internazzjonali u prattiċi rakkomandati, meta dawn jiġu mitluba mill-awtoritajiet investigattivi tagħhom;

(f) abbozzi tar-rapporti preliminari u finali jew stqarrijiet interim;

(g) ir-reġistrazzjonijiet tal-vuċijiet u tal-immaġini fil-kabina tal-pilota u t-traskrizzjonijiet tagħhom, kif ukoll ir-reġistrazzjonijiet tal-vuċi fit-taqsimiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru;

(h) il-komunikazzjonijiet kollha bejn persuni li kienu involuti fl-operat tal-inġenji tal-ajru;

(i) ir-reġistrazzjonijiet bil-miktub li jkunu saru b'mod elettroniku, u t-traskrizzjonijiet tar-reġistrazzjonijiet mit-taqsimiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, kompriżi rapporti u riżultati li jkunu saru għal finijiet interni;

(j) ittri ta' introduzzjoni li jintbagħtu mar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà minn kull awtorità li tinvestiga lill-indirizzati, meta hekk ikun mitlub mill-awtorità investigattiva li tkun qiegħda toħroġ ir-rakkomandazzjoni; u

(k) rapporti ta' okkorrenzi ippreżentati skont id-Direttiva 2003/42/KE dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili, kif emendata:

Iżda r-reġistrazzjonijiet taħt il-paragrafi (h), (i), (j) u (k) jistgħu jintużaw bl-iskop li tiġi mtejba s-sigurtà tal-avjazzjoni.

(3) Xejn fis-subregolament (1) m'għandu ma jħallix lill-Ministru li jagħmel, b'konsultazzjoni mal-Ispettur Ewlieni, dokumentazzjoni relevanti disponibbli lil xi persuna meta, f'każ fejn dik il-persuna tkun parti minn proċedura legali jew tkun intitolata tidher fi proċedura legali, il-qorti tkun ordnat li dik id-dokumentazzjoni relevanti għandha tiġi lilha magħmula disponibbli għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri legali.

(4) Bla ħsara għas-subregolament (6) l-ebda ordni m'għandha tingħata taħt is-subregolament (3) jekk kemm-il darba l-qorti ma tkunx sodisfatta li l-interessi tal-ġustizzja fil-proċeduri legali inkwistjoni jaqbżu kull impatt avvers kemm domestiku u kemm internazzjonali li l-kxif tad-dokumentazzjoni jista' jkollu fuq l-investigazzjoni tal-aċċident jew inċident li magħhom għandha x'taqsam id-dokumentazzjoni jew fuq xi investigazzjoni li jista' jkun hemm fil-futur ta' aċċident jew inċident li tiġi magħmula f'Malta.

(5) Dokumentazzjoni jew parti minnha m'għandhiex tiġi trattata bħallikieku ġiet magħmula disponibbli b'mod kuntrarju għas-subregolament (1) f'xi każ fejn id-dokumentazzjoni jew parti minnha tiġi inkluża fir-rapport finali tal-aċċident jew inċident, jew fl-appendiċi tar-rapport finali.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull regola tal-liġi li tawtorizza jew titlob iż-żamma ta' kull dokumentazzjoni jew parti minnha għar-raġuni li l-kxif tagħha tkun inġurjuża għall-interess pubbliku, sakemm iż-żamma ta' kull dokumentazzjoni bħal dik jew parti minnha titqies li tkun meħtieġa mill-Ispettur Ewlieni biex tiddaħħal fir-rapport finali taħt ir-regolament 20.

Protezzjoni ta' xhieda.

23. (1) L-investigatur responsabbli għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jipproteġi x-xhieda u biex iżomm kustodja sigura tal-inġenji tal-ajru involut fl-aċċident jew inċident jew il-kontenut ta' dak l-inġenji tal-ajru għal dak il-perjodu li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' investigazzjoni.

(2) Persuna li jista' jkollha fil-pussess tagħha xi ħaġa li tista' tikkostitwixxi evidenza għall-fini ta' investigazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandha żżomm u tippreserva dik il-ħaġa u għandha tgħaddiha minnufih lill-investigatur responsabbli.

(3) Il-ħarsien ta' evidenza għandha tinkludi l-preservazzjoni, permezz ta' mezzi fotografiċi jew mezzi oħra, ta' kull evidenza li b'xi mod tista' tiġi mneħħija, imħassra, mitlufa jew meqruda.

(4) Bla ħsara għas-subregolament (1) kustodja sigura tinkludi protezzjoni minn aktar ħsara, aċċess minn persuni li ma jkunux awtorizzati, serq u taħsir.

Tfixkil tal-investigazzjoni.

24. (1) L-ebda persuna m'għandha tfixkel jew iżżomm spettur jew persuna li taġixxi taħt l-awtorità tal-Ministru waqt it-twettiq tas-setgħat jew dmirijiet taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għar-regolament 14(1)(h) l-ebda persuna m'għandha, mingħajr raġuni valida, tonqos milli tosserva kull taħrika ta' spettur li jkun qiegħed jagħmel investigazzjoni.

(3) Il-piż tal-prova tar-raġuni valida meta persuna tonqos milli tosserva taħrika jkun fuq il-persuna li tkun tiddependi fuq dik ir-raġuni.

Ftuħ mill-ġdid ta' investigazzjonijiet.

25. (1) L-Ispettur Ewlieni jista' jordna li terġa' tinfetaħ l-investigazzjoni ta' aċċident jew inċident gravi, jew b'mod ġenerali jew għal xi parti tal-investigazzjoni, u għandu jagħmel hekk -

(a) jekk, wara li titlesta l-investigazzjoni, tiġi żvelata evidenza ġdida u sinifikanti; jew

(b) jekk għal xi raġuni oħra jkun jeżisti fl-opinjoni tiegħu lok għal suspett li r-reputazzjoni ta' xi persuna tkun ġiet affettwata b'mod inġust u avvers.

(2) Meta l-investigazzjoni ta' aċċident jew inċident gravi tkun inbdiet minn Stat ieħor, il-Ministru għandu jikseb il-kunsens ta' dak l-Istat qabel jordna li l-investigazzjoni tinfetaħ mill-ġdid.

(3) Kull investigazzjoni li terġa' tinfetaħ għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u għandha

titmexxa skont dawk id-dispożizzjonijiet.

Xi jsir mill-inġenji tal-ajru jew mill-fdalijiet tiegħu.

26. (1) Inġenji tal-ajru jew fdalijiet ta' inġenji tal-ajru preservati minn spettur għall-fini ta' investigazzjoni jistgħu jingħataw lura lill-proprjetarji leġittimi tagħhom, jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, f'dak iż-żmien li l-ispettur jidhirlu li jkun xieraq. Għal dan il-għan, l-Ispettur Ewlieni jista' jiffaċilita l-aċċess għall-inġenji tal-ajru, il-kontenut tiegħu jew partijiet tiegħu.

(2) Meta l-proprjetarji leġittimi ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti, l-Ispettur Ewlieni għandu jgħaddi l-inġenji tal-ajru, il-kontenut tiegħu jew partijiet tiegħu lill-persuna jew persuni li jiġu debitament nominati mill-Istat tar-reġistru jew mill-Istat tal-operatur, skont ma jkun japplika.

(3) L-Ispettur Ewlieni għandu, meta jkollu l-ħsieb ineħħi fdalijiet tal-inġenji tal-ajru, javża lill-persuni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2), jew meta dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu misjuba, jippubblika avviż f'mill-inqas tliet ġurnali fejn jagħti dettalji tal-fdalijiet tal-inġenji tal-ajru u jispeċifika ż-żmien li fih għandhom jitneħħew dawk il-fdalijiet:

Iżda l-persuna li lilha jkun inħareġ l-avviż tista', qabel jiskadi l-avviż u għal raġuni valida, tapplika bil-miktub lill-Ispettur Ewlieni għal estensjoni taż-żmien li fih il-fdalijiet ikunu jistgħu jitneħħew.

(4) Meta persuna li lilha jkun intbagħat l-avviż tonqos milli tieħu kustodja tal-inġenji tal-ajru, partijiet minnu, kontenut jew fdalijiet tiegħu fiż-żmien speċifikat fl-avviż, l-inġenji tal-ajru, partijiet minnu, il-kontenut jew il-fdalijiet tiegħu jistgħu jitneħħew b'dak il-mod li l-ispettur jidhirlu li jkun xieraq u l-ispejjeż li jagħmel il-*Bureau* għal dik it-tneħħija jiġu rkuprati mill-proprjetarju jew mill-operatur tal-inġenji tal-ajru jew mit-tnejn li huma.

Xi jsir mid-dokumentazzjoni.

27. L-Ispettur Ewlieni għandu, meta titlesta investigazzjoni jew f'kull ħin kif jista' jistabbilixxi l-investigatur responsabbli, irodd lura r-*records* tal-inġenji tal-ajru jew informazzjoni fattwali dwar l-aċċident jew inċident lill-persuni li mingħandhom ikunu ġew akkwistati, jew jiddisponi minn *records* jew informazzjoni bħal dawk b'mod li huwa jqies li jkun xieraq, sakemm ma jkunux għadhom meħtieġa għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti oħra.

Assistenza lill-vittmi u lill-qraba.

28. (1) Id-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili għandu jiżviluppa pjan ta' emerġenza għal aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili f'livell nazzjonali u dak il-pjan għandu jkopri wkoll assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u lill-qraba tagħhom.

(2) Linja tal-ajru stabbilita f'Malta għandu jkollha pjan biex tassisti lill-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni tal-ajru u lill-qraba tagħhom u dak il-pjan għandu, b'mod partikolari, jieħu konsiderazzjoni tal-appoġġ psikoloġiku lill-vittmi u lill-qraba tagħhom.

(3) Meta jseħħ aċċident f'Malta jew fuq Malta, għandha tiġi maħtura konġuntament persuna ta' referenza minn Malta u mill-Istat li fih tkun stabbilita l-linja tal-ajru involuta fl-aċċident u, jew mill-Istat li kellu l-akbar għadd ta' ċittadini tiegħu abbord l-inġenji tal-ajru involut fl-aċċident bħala punt ta' kuntatt u informazzjoni għall-vittmi u għall-qraba tagħhom.

(4) Id-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili għandu jiżgura wkoll l-għoti ta' assistenza lill-familji tal-vittimi u dawk li jkunu baqgħu ħajjin wara l-aċċident jew inċident li jkun qiegħed jiġi investigat taħt dawn ir-regolamenti billi:

(a) jikkomunika l-informazzjoni kollha relevanti fil-ħin;

(b) jiffaċilita d-dħul lura tagħhom fil-pajjiz; u

(ċ) jikkoordina l-isforzi ta' assistenza.

Baži tad-*data*.

29. (1) Il-*Bureau* għandu jżomm bażi tad-*data* ta' aċċidenti, inċidenti gravi u inċidenti li dwarhom issir investigazzjoni biex tintuża għal skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/42/KE dwar rapporti ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili. Il-*Bureau* għandu jkollu wkoll aċċess mhux ristrett għad-*database* tal-ECCAIRS (Ċentru Ewropew ta' Koordinazzjoni tas-Sistemi dwar Rappurtaġġ ta' Inċidenti tal-Avjazzjoni).

(2) Il-*Bureau* għandu wkoll jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sigurtà li joriġinaw mill-investigazzjonijiet li jagħmel taħt ir-regolament 21, u dawk ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà li jkunu waslu għandu minn pajjiżi terzi fir-repożitorju ċentrali tas-SRIS (is-Sistema ta' Informazzjoni dwar Rakkomandazzjonijiet dwar is-Sigurtà).

(3) Id-Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili għandu, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/42/KE, imexxi 'l quddiem ambjent li ma jkunx punittiv, biex jiffaċilita r-rappurtaġġ spontanju ta' okkorrenzi u b'hekk iġib 'il quddiem il-prinċipju ta' 'kultura ġusta'. Rapporti ta' okkorrenzi bħal dawk għandhom jitpoġġew fid-*database* tal-ECCAIRS.

(4) L-ismijiet jew l-indirizzi ta' persuni individwali m'għandhomx jiġu reġistrati fil-bażi tad-*data* u l-informazzjoni

reġistrata għandha tiġi użata biss biex tiġi faċilitata l-analiżi effettiva ta' informazzjoni dwar nuqqasijiet ta' sigurtà li jkunu jeżistu jew li jista' jkun hemm u biex jiġu determinati l-azzjonijiet preventivi meħtieġa.

Pieni.

30. (1) Persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-penalitajiet li jkunu japplikaw taħt l-artikolu 4(3) tal-Att.

(2) Meta jiġi ippruvat li għemil jew nuqqas minn persuna, li kieku kien ikun ksur minn dik il-persuna ta' dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, kien dovut għal xi kawża li ma setgħetx tiġi evitata bl-eżerċizzju ta' attenzjoni raġonevoli minn dik il-persuna, l-għemil jew nuqqas m'għandux jitqies li huwa ksur minn dik il-persuna ta' dik id-dipożizzjoni.

Revoka u riserva. A.L. 135 tal-2002.

31. (1) Ir-Regolamenti tal-2002 tal-Avjazzjoni Ċivili dwar l-Investigazzjoni ta' Diżgrazzji u Inċidenti tal-Ajru huma b'dawn revokati.

(2) Ir-revoka taħt is-subregolament (1) tar-Regolamenti tal-2002 tal-Avjazzjoni Ċivili dwar l-Investigazzjoni ta' Diżgrazzji u Inċidenti tal-Ajru m'għandhiex taffettwa kull investigazzjoni li nbdiet taħt dawk ir-regolamenti u kull investigazzjoni bħal dik tista' tissokta bħallikieku hija nbdiet taħt dawn ir-regolamenti.